

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Ottubru 2020 – Karpeta-Kovalyova vs Il-Kummissjoni(Kawża T-249/19) ⁽¹⁾

(“Servizz pubbliku – Membri tal-persunal bil-kuntratt – Remunerazzjoni – Deċiżjoni li tirrifjuta d-dritt għall-allowance tal-espatrijazzjoni, l-allowance ta’ kuljum, l-allowance tal-installazzjoni u r-rimbors tal-ispejjeż taċ-ċaqliq u tal-ivvjaġġar meta assumiet id-dmirijiet tagħha – Artikolu 4(1)(a) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal – Status diplomatiku – Perijodu ta’ referenza ta’ 5 snin – Kunċett ta’ residenza abitwali”)

(2020/C 433/55)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Marina Karpeta-Kovalyova (Woluwe-Saint-Pierre, il-Belġju) (rappreżentant: S. Pappas, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: T. Bohr u D. Milanowska, aġenti)

Suġġett

Talba skont l-Artikolu 270 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Ġunju 2018 li tirrifjuta lir-rikorrenti l-allowance tal-espatrijazzjoni, l-allowance ta' kuljum, l-allowance tal-installazzjoni u r-rimbors tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar meta assumiet id-dmirijiet tagħha u l-ispejjeż taċ-ċaqliq.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Marina Karpeta-Kovalyova hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 187, 3.6.2019.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Ottubru 2020 – Decathlon vs EUIPO – Athlon Custom Sportswear (athlon custom sportswear)(Kawża T-349/19) ⁽¹⁾

(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta’ oppożizzjoni – Applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea athlon customs sportswear – Trade mark verbali preċedenti tal-Unjoni Ewropea DECATHLON – Raġuni relattiva għal rifjut – Assenza ta’ probabbiltà ta’ konfużjoni – Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001”)

(2020/C 433/56)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Decathlon (Villeneuve-d'Ascq, Franza) (rappreżentanti: A. Cléry u C. Devernay, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: L. Rampini, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO: Athlon Custom Sportswear PC (Kallithéa, il-Greċja)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-27 ta' Marzu 2019 (Każ R 1724/2018-2) dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Decathlon u Athlon Custom Sportswear.